FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2001**

**Numru 7**

**Avviz. numru 70/99 JR**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**John Sultana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 1999, fejn intalab il-hlas ta' sebgha u sebghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm77.16), prezz ta' xoghol u spare parts forniti fuq il-vettura tal-konvenut f'April, 1998, fuq istruzzjonijiet ta' l-istess konvenut, liema xoghol u spare parts baqghu ma thallsux nonstante li huwa gie mitlub li jhallas diversi drabi.**

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru, 1998, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Mejju, 1999, fejn intqal illi qed jikkontesta t-talba tas-socjeta' attrici ghas-segwenti ragunijiet:

F'April, 1998, il-konvenut ha l-vettura Volvo mudell 460GLE ghand is-socjeta' attrici ghal "check-up" fuq il-"cooling system" u "speedometer" li ma kienx qed jahdem kontinwament. Gabar il-karozza wara 24 siegha u ffirma.

L-ghada l-konvenut ilmenta mat-technician Philip u ma' David il-"workshop foreman" billi l-konvenut ma kienx soddisfatt bix-xoghol. Irrizulta li l-problema originali kienet umdita' fit-"transducer" u kull ma kellhom jaghmlu kien biex inaddfu u juzaw "electrical spray" jew "solvent".

Minflok, bidlu l-"bellow drive-shaft seal" minghajr ma nfurmawh u skonnettew l-ispeedo mid-"dashboard". Talbuh ihallas xi sebgha u sebghin lira Maltija (Lm77.00) bla bzonn, liema ammont huwa ferm esagerat ghax-xoghol li suppost kellhom jaghmlu u hu qatt

m’awtorizzhom jaghmlu dak li huma ghamlu billi dan ix-xoghol ma kienx necessarju biex isolvu l-problema li kellha l-karozza.

Ftit zmien qabel dan l-incident, impjegati tas-socjeta’ attrici ghamlu hsara fil-”framework” tal-”windscreen” meta biddlu l-”windscreen” tal-vettura u danni ta’ madwar sittin lira (Lm60.00) minbarra spejjez.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attric li ghandha minflok tigi kkundannata thallas is-somma ta’ madwar sittin lira Maltija (Lm60.00) ghall-hsarat u danni kkagunati minnhom;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut prezentat mar-risposta fejn intalab il-hlas ta’ madwar sittin lira Maltija (Lm60.00) jew somma verjuri ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba, prezentata fis-16 ta’ Gunju, 1999, fejn intqal illi s-socjeta’ attrici ma taqbilx mat-talbiet tal-konvenut li ghandhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjez, billi l-ammont mitlub mill-konvenut mhux dovut;
Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra li l-konvenut oggezzjoni ghar-risposta ghall-kontro-talba peress li kienet prezentata fuori termine.

Semgha x-xhieda ta’ Lino Soler, Philip Ciantar, David Gatt, John Sultana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dwar li r-risposta tal-kontro-talba giet prezentata fuori termine, dana huwa minnhu, u ghalhekk it-Tribunal jordna l-isfilz taghha.

2. Is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ sebgha u sebghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm77.16) ghall-xoghol u “spare parts” li saru fil-karozza tal-konvenut fis-7 t’April, 1998, fuq il-vettura Volvo 460GLE.

3. Il-kwistjoni principali kienet dwar li l-konvneut kien ha l-vettura sabiex jaggustawlu l-ispeedometer, filwaqt li saru xogholijiet ohra ukoll. Il-konvenut jghid li m’awtorizzax dawk ix-xogholijiet l-ohra, li kienu jinkludu xoghol fuq il-”loss of coolant” u tibdil ta’ l-”inner driveshaft bellows”.

4. Jirrizulta li qabel ma gew esegwiti dawn ix-xogholijiet li ma kienux imnizzla fl-ewwel “repair order”, impjegati tas-socjeta attrici kienu

jikkomunikaw telefonikament mal-konvenut u dan ta' l-awtorizzazzjoni tieghu sabiex isiru x-xogholijiet. Tant dan hwa minnhu li meta mar jigbor il-karozza l-ghada, l-konvenut iffirma li kien sodisfatt mix-xogholijiet, Dok LS15, kif ukoll talab u inghata "credit limit" ta' tletin jum biex jaffetwa il-pagament, Dok LS9. Apparti dak li xehed Philip Ciantar, Service Foreman mas-socjeta' attrici, dwar li nfurmaw lill-klijent bil-hsarat, hemm ukoll rapport ta' l-istess Ciantar, DokLS7, datata 2 ta' Jannar, 1999, fejn intqal: "...... he authorised us to carry out the necessary work".

5. Jirrizulta mix-xhieda ta' Lino Soler, Deputy General Manager mas-socjeta' attrici, li wara li l-konvenut ma hallasx, huma baghtulu statements kif ukoll ippruvaw jikkuntattjawh telefonikament, u kitiblu ukoll fit-23 ta' Gunju, 1998. Kien biss f'Novembru, 1998 li Soler irnexxilu jikkomunika telefonikament mal-konvenut, dana ilmenta fuq xoghol hazin u kont esagerat. Jirrizulta li f'Dicembru, 1998, saret laqgha bejn il-partijiet fl-ufficji tas-socjeta' attrici, u f'dak l-istadju l-konvenut ilmenta dwar danni li kienu sarulu fil-pilastru tal-lemin tal-windscreen, meta s-socjeta' attrici kienet hadmet fuqu fl-1997. Gie verifikat dwar din il-hsara u s-socjeta' attrici offriet li tirrangalu minghajr hlas.

6. Dwar id-danni fil-pilastru jirrizulta li din kienet “very slight dent”. Il-konvenut ma kienx hadha ghat-tiswija peress li s-socjeta’ attrici riedet issewwilu bil-”hard metal”. Illum is-socjeta’ attrici ghandha apparat li jippermetti li ssir it-tiswija kif xtaq il-konvenut.

7. Mill-provi mismugha u minn dak li ntqal, it-Tribunal hu tal-fehma li jirrizulta li l-ammont mitlub ghax-xogholijiet maghmula mis-socjeta’ attrici huwa dovut. Jirrizulta ukoll li kien hemm danni minimi fil-pilastru tal-windscreen in-naha tal-lemin fil-vettura tal-konvenut, u it-Tribunal qed jillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ tletin lira Maltija (Lm30.00). Ghalhekk wara li ra l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, ghandha issehh it-tpacija u jibqa’ biss dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sebgha u erbghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm47.16).

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta pruvata fl-ammont mitlub fl-avviz, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut fl-ammont likwidat, it-Tribunal wara l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u erbghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm47.16).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu spportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mis-socjeta’ attrici.

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**